MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru 13/2013

**Att ta' Akkuza Nru: 13/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Stiano Agius**

**Ommissis**

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2013 fil-konfront ta' Stniano Agius (detentur tal-karta tal-identita' 418581(M) li bih huwa akkuzat talli :

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Stiano Agius u persuna ohra setghu kienu involuti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjugha u ttraffikata llegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta' Maltija. Fil-fatt fil-kors ta` dawn l-

investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet fuq ir-residenza ta' Stiano Agius li tinsab 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid- 9 ta` Novembru 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lill-persuna ohra li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza tieghu f`Hal-Qormi.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija ntesiva fir-residenza ta' Stiano Agius u fost affarijiet ohra sabu mohbija f`kexxun fil-kcina pakkett li kien fih **1,005 grammi droga kokajina b`purita` ta` 60%, borza tal-plastik li kien fiha 148 grammi droga kokajina b`purita` ta` 40% u mizien eletroniku forma ta` mgharfa li kien fih tracci tad-droga kokajina.** Id-droga kokajina misjuba fir-residenza ta' Stiano Agius b`kollox tammonta ghal **1,153 grammi** u ghandha valur fis-suq ta` madwar sebgha u tmenin elf u sitt mitt ewro (€ 87,600).

Illi l-akkuzat Stiano Agius stqarr mal-Pulizija li ma kinitx l-ewwel darba li kien izomm id-droga kokajina fir-residenza tieghu u li fil-fatt hu kien miftihem ma` persuna ta` nazzjonalita` barranija biex izomm id-droga fir-residenza tieghu u li ta` dan is-servizz kien jithallas kull darba s-somma ta` elf lira Maltin (LM1,000).

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'ghemilhom, Stiano Agius u persuna ohra saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u inoltre **Stiano Agius i**rrenda ruhu recidiv f`delitt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, jakkuża lill-imsemmija **Stiano Agius** hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u kif ukoll li **Stiano Agius** irrenda ruhu recidiv f`delitt u jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomoru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu **(€2,329.37)** izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta` dan l-att t`akkuza u cioe` f`Novembru, 2007 u fil-gimghat ta` qabel, l-akkuzati Stiano Agius u persuna ohra ddecidew li jibdew jittraffikaw d-droga kokajina f`Malta.

Illi fil-fatt f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Stiano Agius u persuna ohra setghu kienu nvoluti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjugha u ittraffikkata llegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta' Maltija. Fil-fatt, fil-kors ta` dawn l-investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet

fuq ir-residenza ta' Stiano Agius li tinsab 13, St. Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid-9 ta` Novembru, 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lill-persuna ohra li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza ta' Stiano Agius.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija intesiva fir-residenza ta' Stiano Agius u fost affarijiet ohra sabu mohbija f`kexxun fil-kcina pakkett li kien fih **1,005 grammi droga kokajina b`purita` ta` 60%, borza tal-plastik li kien fiha 148 grammi droga kokajina b`purita` ta` 40% u mizien eletroniku forma ta` mgharfa li kien fih tracci tad-droga kokajina.** Id-droga kokajina misjuba fir-residenza tal-akkuzati b`kollox tammonta ghal **1,153 grammi** u ghandha valur fis-suq ta` madwar tmienja u sebghin elf u sitt mitt ewro (€ 87,600).

**L-akkuzat ghalhekk kien fil-pussess xjenti u illegali ta` din id-droga kokajina intiza biex tigi traffikata, mibjugha u fornuta lill- terzi persuni f`Malta.**

**STIANO AGIUS** ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil–pussess tieghu din il–medicina perikoluza skont il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija **Stiano Agius** u persuna ohra saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija **Stiano Agius u persuna ohra** hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv.

Jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and

26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skont il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmija akkuzati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija kellha nformazzjoni kunfidenzjali li Stiano Agius u persuna ohra setghu kienu nvoluti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjugha u ttraffikkata llegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta’ Maltija. Fil-fatt fil-kors ta` dawn l-investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet fuq ir-residenza ta’ Stiano Agius li tinsab 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid- 9 ta` Novembru 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lill-persuna ohra li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza tieghu f`Hal-Qormi.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija ntesiva fir-residenza ta’ Stiano Agius u kif spjegat aktar qabel f`dan l-att t`akkuza huma sabu 1,153 grammi ta` droga kokajina. L-akkuzat Stiano Agius stqarr mal-Pulizija li ma kinitx l-ewwel darba li kien izomm id-droga kokajina fir-residenza tieghu u li fil-fatt hu kien miftihem ma` persuna ta` nazzjonalita` barranija biex izomm id-droga fir-residenza tieghu u li ta` dan is-servizz kien jithallas kull darba s-somma ta` elf lira Maltin (LM1,000). **Waqt din it-tfittxija l-pulzija sabu wkoll basket tal-karti li kien fih ammont konsiderevoli ta` flus kontanti u apparti minn hekk sabu iktar flus f`sejf li kien qieghed taht tieqa fl-istess dar. B`kollox dawn il-flejjes ammontaw ghal iktar minn wiehed u tletin elf liri Maltin (Lm31,000) li konvertiti fil-valuta ewro jammontaw ghal tlieta u sebghin elf hames mija disgha u hamsin ewro (€73,559). Dawn il-flus kienu maqsumin f`mazez ta` Lm1,000 -il wahda.** L-akkuzat ma tax spjegazzjoni plawsibli ta` kif gew ghandhu dawn il-flejjes u jekk fil-fatt il-

provenjenza taghhom kinitx wahda lecita u dan iktar u iktar meta minn din l-investigazzjoni kollha irrizulta li effettivament Stisano Agius kienu involuti fit-traffikar tad-droga kokajina.

Minn iktar stharrig li ghamlet il-Pulizija rrizulta li dak iz-zmien l-akkuzat Stiano Agius kien jahdem bhala xufier *part-time* u ta` dan ix-xoghol kien jaqla bejn LM 25 u LM 35 fil-gimgha u  apparti dan xi drabi kien jinnegozja xi karozza jew ziemel. Bejn is-sena 1999 u Settembru 2005 l-akkuzat Stiano Agius ma kellu l-ebda impjieg registrat mal-ETC. Il-vettura BMW X5 kien jaghmel uzu minnha l-akkuzat Stiano Agius liema vettura inxtrat ghal- prezz ta` LM 28,000 (ekwivalenti ghal circa 65,220 euro) minghand il-Premier Car Centre u li minn dan l-ammont Stiano Agius u persuna ohra kien fadalhom ihallsu is-somma ta` LM19,000 (ekwivalenti ghal 44,258 euro).

Meta Stiano Agius u persuna ohra gew mitluba sabiex jispjegaw dettaljatament minn fejn ġabu il-flejjes kollha minfuqa u kif kienu ha jhallsu id-dejn akkumulat, Stiano Agius u persuna ohra ma tawx spjegazzjoni raġjonevoli li turi li l-flus kollha li kienu fil-pussess tagħhom f'Malta kienu flejjes li ġejjien minn provenjenza leċita u li d-dejn akkumulat kien se jithallas b`flus bi provenjenza lecita. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara fejn kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali (traffikar ta` droga) sottostanti li minnhom inkisbu il-flejjes u effetti li kienu taħt il-kontroll u pussess ta' Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Stiano Agius u persuna ohra, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, saru ħatja talli,  fl-10 ta` Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel f`Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' money laundering u ċioe:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess
proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv..

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil Stiano Agius u persuna ohra talli f'Malta, fl-10 ta` Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel, u b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet

differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' money laundering billi kkommettew :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess
proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq u li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv:

U jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkuzat billi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tletin sena jew il-multa ta' żewġ miljuni tlett mija disgħa u għoxrin elf, tlett mija tlieta u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmi (€2,329,373.40) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien, kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti

mobbli jew immobbli oħra skont il-Liġi u skont kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 41, 42, 49, 50, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' kull piena oħra li tista tingħata għall-ħtija ta' l-akkużat skont il-Liġi.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fl-10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlet tfittxija ntensiva fir-residenza tal-akkuzat Stiano Agius li hija fond 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u fost hafna affarijiet ohra sabu bott li kien mimli b`erbgha u ghoxrin (24) balla/munizzjon live. Stiano Agius ma ghandu l-ebda licenzja mahruga mill-Kummisssarju tal-Pulizija biex izomm fil-pussess tieghu dan it-tip ta` munizzjon.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'għemilu l-imsemmi Stiano Agius sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, kwanitita ta` munizzjon, kif ukoll illi sar reċidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, jakkuza lil Stiano Agius hati talli fl- 10 ta` Novembur 2007 u fil-gimghat ta` qabel, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, munizzjon u li rrenda ruhu recidiv u jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn hames snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480)], u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlet tfittxija intensiva fir-residenza tal-akkuzat Stiano Agius li hija fond 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u fost hafna affarijiet ohra sabu karta tal-ghaxar liri Maltin (LM10) iffalsifikata. L-akkuzat Stiano Agius ma ta l-ebda spjegazzjoni ragonevoli kif gie fil-pussess ta` dan il-biljett tal-flus falz.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b`eghmilu l-akkuzat Stiano Agius sar recidiv u hati talli fl- 10 Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat.

Illi ghaldaqstant l-Avukat Generali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, jakkuza lill-Stiano Agius recidiv u hati talli fl- 10 Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat u jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux aktar minn hames snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 46 tal-Kap 204 u fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena ohra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-htija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Stiano Agius, preżentat fis-16 ta' Jannar, 2015, fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni l-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużat minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun il-piena ta'

prigunerija effettiva ghal perjodu ta’ ħdax (11) il-sena, flimkien ma’ multa ta’ tletin elf Ewro (€30,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitolu 9, 101, 204, 373 u 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta’ mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 26 ta’ Jannar, 2015, fejn l-akkuza ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat li din l-Qorti tat zmien lill-akkuzat biex jerga’ jahseb dwar l-ammissjoni tieghu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-akkuzat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Stiano Agius ħati talli:

1. Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u kif ukoll li **Stiano Agius** irrenda ruhu recidiv.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv.

3. F'Malta, fl-10 ta` Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel, u b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering billi kkommetta :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess
proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq u li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv:

4. Fl- 10 ta` Novembur 2007 u fil-gimghat ta` qabel, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, munizzjon u li rrenda ruhu recidiv.

5. Fl- 10 Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat

Rat il-gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni bikrija fil-proceduri u b'hekk jigi evitat hafna xoghol inutli u spejjez ghall-amministrazzjoni tal-Gustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif gie deciz mill -Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem necessarjament u bħala dritt jintitola lill-hati ghal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr.*

*App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Ghaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B) (2)(a)(i), 22(1C)(b), (3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 23A, 23B, 23C, 24A, 31, 41, 42, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali Kriminali, ir-Regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, l-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 5, 6 u 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480)], u l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Stiano Agius ghall-piena ta' priġunerija effettiva ghal perjodu ta' ħdax (11) il-sena, flimkien ma' multa ta' tletin elf Ewro (€30,000). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' tlett telef disa' mija u tmienja u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu **(€3978.48),** rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-hati.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga eżebita hija meħtiega in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------